

Talbiet tar-rikorrenti

- jannulla d-deċiżjoni tal-kumitat għall-ilmenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 2010 li tiċħad l-ilmenti tar-rikorrenti mressqa kontra l-istqarriji ta' regolarizzazzjoni tar-remunerazzjoni tagħhom għall-perijodu minn Lulju sa Diċembru 2009 u kontra l-istqarriji ta' remunerazzjoni stabbiliti mill-1 ta' Jannar 2010;
- sa fejn dan ikun neċessarju, jannulla d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja li jistabbilixxu stqarriji ta' regolarizzazzjoni tar-remunerazzjoni tar-rikorrenti għall-perijodu minn Lulju sa Diċembru 2009 u tal-istqarriji ta' remunerazzjoni stabbiliti mill-1 ta' Jannar 2010;
- jikkundanna lill-Qorti tal-Ġustizzja tħallas lir-rikorrenti l-arretrati tar-remunerazzjoni, flimkien mal-interessi moratorji;
- jikkundanna lill-Qorti tal-Ġustizzja għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Ottubru 2010 — Geradon vs Il-Kunsill**(Kawża F-102/10)**

(2011/C 30/125)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: Félix Geradon (Sint Pieters Leeuw, il-Belġju) (rappreżentanti: A. Coolen, J.-N. Louis u E. Marchal, avukati)

Konvenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament tal-istqarrija ta' regolarizzazzjoni ta' remunerazzjoni tar-rikorrent għall-perijodu minn Lulju sa Diċembru 2009 u tal-istqarriji ta' remunerazzjoni stabbiliti wara l-1 ta' Jannar 2010 fil-kuntest tal-adattament annwali tar-remunerazzjonijiet u tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u tal-ħaddiema l-oħra fuq il-bażi tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1296/2009 tat-23 ta' Diċembru 2009.

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2010 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent kontra l-istqarrija ta' regolarizzazzjoni ta' remunerazzjoni għall-perijodu minn Lulju sa Diċembru 2009 u kontra l-istqarriji ta' remunerazzjoni tiegħu stabbiliti wara l-1 ta' Jannar 2010;

- tannulla, sa fejn huwa meħtieġ, id-deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-istqarriji ta' regolarizzazzjoni ta' remunerazzjoni għall-perijodu minn Lulju sa Diċembru 2009 u l-istqarriji ta' remunerazzjoni stabbiliti wara l-1 ta' Jannar 2010;
- tikkundanna lill-Kunsill iħallas lir-rikorrenti l-arretrati tar-remunerazzjoni, flimkien mal-interessi moratorji;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Ottubru 2010 — Stephan Jaeger vs FEACVT**(Kawża F-103/10)**

(2011/C 30/126)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: Stephan Jaeger (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentanti: A. Coolen, J.-N. Louis u E. Marchal, avukati)

Konvenuta: Fondation européenne pour l'amélioration des conditions de vie et de travail (FEACVT)

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament tal-istqarrija ta' regolarizzazzjoni tar-remunerazzjoni tar-rikorrent għall-perijodu minn Lulju sa Diċembru 2009 u l-istqarriji ta' remunerazzjoni stabbiliti wara l-1 ta' Jannar 2010 fil-kuntest tal-adattament annwali tar-remunerazzjonijiet u tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u membri tal-persunal oħra fuq il-bażi tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1296/2009 tat-23 ta' Diċembru 2009.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla, sa fejn ikun meħtieġ, id-deċiżjonijiet tal-FEACVT dwar l-istabbiliment tal-istqarriji ta' regolarizzazzjoni tar-remunerazzjoni tar-rikorrent għall-perijodu minn Lulju sa Diċembru 2009 u tal-istqarriji ta' remunerazzjoni tiegħu wara l-1 ta' Jannar 2010;
- jikkundanna lill-FEACVT tħallas lir-rikorrent l-arretrati tar-remunerazzjoni, flimkien mal-interessi moratorji;
- jikkundanna lill-FEACVT għall-ispejjeż.